



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2011/0303(NLE)

7.6.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (16395/2011 – C7-0000/2011 – 2011/0303(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Catherine Grèze

PA_Leg_Consent

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

In-negozjati formali bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali tnedew fl-2007 u kienu konklużi f'Mejju 2010. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (FA) fih tliet pilastr: djalogu politiku, kooperazzjoni u ftehim ta' kummerċ. Minn mindu ntlaħaq ftehim dwar l-ewwel żewġ pilastr fl-2003, il-komponent tal-kummerċ jikkostitwixxi bidla sostanzjali fir-relazzjonijiet bilaterali tal-kummerċ fil-FA l-ġdid.

Waqt li jirrikonoxxi li l-kummerċ huwa mezz li jista' jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, ir-rapporteur jemmen li l-ftehim ta' kummerċ ma jissodisfax dawn il-kundizzjonijiet, ma joffri l-ebda prova ċara li se jibbenefika lin-nies u ma jqisx in-nuqqas ta' simetrija fil-livelli ta' żvilupp. B'mod partikulari, waqt li l-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali huma kkaratterizzati minn livelli għoljin ta' faqar, il-benefiċċji li jistgħu jiksbu f'termini ta' preferenzi tal-kummerċ huma dubbjużi għaliex ħafna mill-esportazzjoni tal-Amerika Ċentrali diġà tidħol fl-UE mingħajr ma tħallas dazju skont il-GSP+.

L-impatt tas-sostenibbiltà jipprevedi li l-qligħ mill-esportazzjoni għall-Amerika Ċentrali jkun ikkonċentrat f'setturi li diġà jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-ekonomiji tal-Amerika Ċentrali. Hemm riskju li l-Ftehim irawwem dipendenza dejjem ikbar fuq l-esportazzjoni ta' prodotti primarji agrikoli.

Billi jikkonkludi ftehimiet tad-WTO+ rigward l-akkwist pubbliku, il-liberalizzazzjoni tas-servizzi u l-proprjetà intelletwali, dan il-ftehim mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali jnaqqas l-ispazju tagħhom li jagħmlu politiki sabiex jiżviluppaw l-istrateġija tal-iżvilupp tagħhom stess jew jiddefinixxu miżuri konkreti biex jiżguraw li l-investment ikun ta' benefiċċju għall-foqra u l-iktar vulnerabbli.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li dan il-Ftehim ibati minn diversi nuqqasijiet serji rigward id-drittijiet tal-bniedem, l-istandards tax-xogħol u kwistjonijiet ta' ambjent/żvilupp sostenibbli.

L-inklużjoni ta' klawżola tad-drittijiet tal-bniedem għandha ċertament tintlaqa' b'sodisfazzjon. Madankollu l-klawżola fiha nuqqasijiet serji: m'hemm l-ebda korp iddedikat għall-monitoraġġ tal-konformità ma' dan l-obbligu; l-infurzar tal-klawżola mhux suġġett għal mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim; u tħalli barra kwalunkwe referenza sinifikanti għar-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpanniji u l-Konvenzjoni tal-ILO C169 (1989).

Ir-rapporteur tirrikonoxxi li l-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Madankollu l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu hu idjeq u l-mekkaniżmu ta' infurmar idgħef minn dak li kien hemm fil-GSP+.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu.